MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru. 262/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER GRECH**
**KONTRA**

**KELLY DIMITRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Kelly Dimitri ta’ 29 sena, mart Gordon, bint Peter Paul Grech u Josephine nee’ Briffa, mwielda Pieta’ nhar is- 17 ta’ Awwisu 1978, residenti 7, Charmed, Triq ic- Cervjola, M’ Scala u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 367478(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fl- 14 ta’ April 2007 ghal habta ta’ xi 12.45pm waqt li kienet fi Triq Sta. Margerita, Bormla;

1) B’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni taghha, jew b’ nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti filwaqt li kienet qiegheda ssuq u/jew kellha l- kontroll tal- vettura bin- numru AAJ 062 ta’ ghamla Peugeot, ikkagunat il- mewt ta’ Jean Philippe Castellano ta’ Nazzjonalita’ Franciza u dan bi ksur tal-Artikolu 225tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

2) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-istess vettura b’ manjiera traskurata, negligenti u perikoluza;

3) Talli saqet b’ sewqan eccessiv;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputata kienet qed issuq il-vettura taghha Peugeot 306 bin-numru AAJ 062 fi Triq Santa Margerita, Bormla, nhar l-14 ta’ April, 2007, ghall-habta tas-12.45pm, mid-direzzjoni tal-Birgu diehla ghal Bormla. Hekk kif giet ghan-nizla fl-istess triq, wara liwja lejn ix-xellug taghha u ftit metri qabel ma’ waslet ghal quddiem il-Knisja ta’ Santa Teresa, hi laqtet bil-vettura taghha lil Jean Philippe Castellano, ragel ta’ nazzjonalita’ franciza tal-eta’ ta’ 58 sena, u tajjritu, bil-konsegwenza li hu miet ftit jiem wara.

Ghalhekk il-Pulizija mexxiet dawn il-proceduri kontra l-imputata.

Illi l-qofol tal-provi kollha jinsabu migbura fil-*proces verbal* esebit fl-atti. Minn dan jirisulta li l-Qorti hatret diversi esperti sabiex jassistuha, fosthom hatret lill-Avukat Dr Richard Sladden bhala espert legali u biex jisma' x-xhieda, u lil Mario Buttigieg bhala espert tekniku. Dawn iz-zewg esperti waslu ghal konkluzjoni dijametrikament opposta. Fil-waqt li Dr Sladden ma sab ebda responsabbilta' kriminali fl-imputata ghall-incident in kwistjoni, Mario Buttigieg ikkonkluda li kien hemm element kbir ta' traskuragni mill-imputata. Ghalhekk, rinfaccjata b'zewg konkluzjonijiet opposti ghal xulxin, din il-Qorti esaminat bir-reqqa l-provi kollha, kemm dawk migbura fil-*proces verbal* kif ukoll dawk li tressqu quddiem din l-istess Qorti.

Francoise Castellano, mart id-*decuius*, xehdet fl-inkjesta li hi u r-ragel taghha kienu fuq il-"bus stop" man-naha tat-triq vicin tal-knisja qed jistennew li jaqbdu tal-linja lejn il-Belt. Ir-ragel taghha qasam biex jiehu xi ritratti, izda hi ma ratux jaqsam u qompliet taqra ktieb. Hi qalet li l-incident ma ratux izda semghet il-hoss tal-impatt tal-vettura u rat lir-ragel taghha mal-art imwegga'. Zewg xhieda ohra okulari, Shirley Refalo u Joseph Gatt, kienu f' zewg vetturi ohra gejjin fid-direzzjoni opposta ghal dik tal-imputata, jigifieri hergin minn Bormla u telghin lejn il-Birgu, u t-tnejn raw l-incident isehh quddiemhom. It-tnejn qalu li Castellano kien f'nofs it-triq, qisu mifxul, ma jafx lejn fejn ser imur, meta l-imputata ghamlet manuvra u gibdet ghal nofs it-triq, kwazi ghal go fihom, biex tipprova tevitah izda xorta tajritu. It-tnejn qalu li l-imputata ma kienetx ghaddejja b' velocita' eccessiva. Xehed ukoll Carlton Gatt, iben Joseph, li kien mieghu fil-vettura u wkoll ra l-incident isehh. Dan zied li Castellano kien mifxul x'ser jaghmel, jekk jaqsamx jew le, u kien ghadu taht il-bankina n-naha tal-knisja, meta qabad u qasam daru lejn il-vettura tal-imputata, u ntlaqat minnha.

Il-griehi li sofra Castellano kienu principalment fir-ras. Dawn huma deskritti kemm fir-relazzjoni tat-tabib Dr Mario

Scerri, kif ukoll fir-relazzjoni tal-Patologisti Marie Therese Camilleri u Ali Safraz. Ma jirrisultax li kien hemm fratturi fid-dirghin u fir-riglejn, ghalkemm l-ispalla tax-xellug kienet fratturata, kif ukoll xi kustilji sofrew ksur. Il-vettura garrbet hsarat fil-“windscreen”, primarjament fin-naha tax-xellug tal-vettura, u fil-pilastru ta’ quddiem. Dawn jidhru cari fir-ritratti esebiti fl-atti. Ma hemmx hsarat fil-“bonnet” tal-vettura u l-anqas mal-faccata ta’ quddiem jew mal-genb tax-xellug, ghalkemm il-mera tan-naha tal-passiggier tqacctet. Ghalhekk l-impatt mal-vettura sehh fuq in-naha tax-xellug taghha, l-aktar fuq il-“windscreen” u l-pilastru ta’ quddiem. Di fatti hemm tracci ta’ xaghar il-vittma mal-istess pilastru tal-vettura. Mill-griehi li hu sofra, aktarx li hu kien daru lejn il-vettura tal-imputata qed idur lejn il-lemin tieghu biex jaqsam lejn in-naha tax-xatt tat-triq meta hu gie milqut. Din l-ipotesi ser tigi esaminata aktar fid-dettall ‘il quddiem.

Mill-esamijiet teknici maghmula mill-Perit Richard Aquilina u minn Joseph Zammit, it-triq kienet xotta u l-vizwali kienet wahda tajba. Il-vettura ma kellha ebda hsarat, u l-“brakes” kienu jiffunzjonaw tajjeb hafna. Irrizulta, izda, li ghal xi raguni, l-imputata ma zammetx “brake” izda ppruvat tevita lill-vittma billi ddur lejn il-lemin taghha, ghal nofs it-triq, u taqsam il-linji bojod kontinwi, haga li ma setghetx taghmel minhabba fil-vetturi gejjin lejha mid-direzzjoni opposta. Hekk kif intlaqat, Castellano gie mitfugh ‘il fuq u ‘l quddiem, u spicca distanza ta’ bejn zewg u tlitt metri ‘l boghod minn fejn waqfet il-vettura tal-imputata. Il-“point of impact” ma kienx ‘il boghod minn fejn spiccaw il-vettura u l-vittma. Rigward il-velocita’ tal-imputata, din tirrisulta li kienet wahda ragonevoli u mhux eccessiva. Mario Buttigieg, l-espert tekniku mahtur fl-inkjesta, wasal ghall-konkluzjoni li l-velocita’ kienet vicin id-29 mil fis-siegha, ekwivalenti ghal ftit anqas minn 50 kilometru fis-siegha (50kph). Din il-velocita’ bl-ebda mod ma hi wahda eccessiva, anzi hi tali biex l-imputata setghet taghmel manuvri ohra jew taghfas il-“brake” biex tieqaf. X’kien, allura, li wassal lill-imputata biex xorta laqtet lil Castellano?

Mid-dinamika tal-provi kollha mressqa quddiem din il-Qorti, harget stampa plawsibbli ta’ kif seta’ gara l-incident. Jean Philippe Castellano kien ma’ martu fuq il-“bus stop” man-naha tat-triq fejn il-Knisja, meta hu qasam ghan-naha l-ohra tat-triq, max-xatt, apparentement biex jiehu ritratti. Minn fejn qasam hu ma hemmx “pedestrian crossing”, izda din qeghda aktar ‘il fuq fl-istess triq. Hu u jaqsam lura, ghal xi raguni, ma qasamx dritt u baqa’ tiela’ l-bankina fejn kien hemm il-mara tieghu, izda baqa’ fit-triq. Fil-frattemp kienet gejja ghal fuqu l-vettura misjuqa mill-imputata, b’velocita’ qrib il-50kph. It-triq kienet xotta, il-visibilita’ kienet cara u l-vizwali tat-triq kienet tajba kemm ghall-imputata kif ukoll ghall-vittma, ghalkemm dik il-parti tat-triq ghandha ftit liwja lejn ix-xellug, ghal kif kienet gejja Dimitri. Hekk kif giet il-vettura tal-imputata minn warajh, Castellano ma ndunax biha u rega’ ghamel manuvra biex jerga’ johrog ghal nofs it-triq, u ghalhekk l-imputata ghamlet manuvra evaziva f’daqqa biex tevitah billi tigbed ‘il barra, ghax hu gie ghall-arrieda fuqha. L-imputata ma kellhiex hin izzomm “brake” ghax l-emergenza li holoq Castellano kienet wahda istantaneja u imprevedibbli ghall-imputata, u possibilment ghal kwalunkwe sewwieq iehor. B’hekk hu ntlaqat minnha u sofra l-griehi indikati, u miet jumejn wara kawza tal-istess griehi.

Din l-ipotesi hija msahha mill-provi, peress illi ma kienx hemm evidenza ta’ fratturi fl-idejn tal-vittma, li istintivament kien johrog idejh biex jilqa’ ghall-impatt, u d-daqqa mal-vettura l-izjed li ghamlet offizi gravi fuqu kienet fir-ras, precizament fuq in-naha tal-lemin u ta’ wara. Ghalhekk il-Qorti qed tippresumi li Castellano ma rax il-vettura tal-imputata gejja fuqu, ghax aktarx kien dahru lejha. Inoltre, ma hemmx marki tal-pala tal-idejn fuq il-“bonnet” tal-vettura tal-imputata. L-istint naturali kien ikun li, kieku Castellano ra l-vettura gejja fuqu, kien jipprova jilqa’ b’idejh, haga li evidentement m’ghamilx. Ghalhekk ma kellux fratturi jew offizi ohra f’idejh u f’dirghajh. Il-frattura fl-ispalla tax-xellug tista’ tispjega ruhha bil-konsegwenza li hu ttajjar mill-vettura u gie mitfugh fl-ajru u wara waqa’ mal-art. Huwa fatt, izda, li ezatt qabel l-incident hu baqa’ fit-triq u deher imfixkel. Dan xehduh ix-xhieda okulari kollha. Jista’ jkun li Castellano tfixkel fid-

direzzjoni ta' minn fejn kien gej it-traffiku, peress illi d-direzzjoni tas-sewqan fil-kontinent ewropew, bhal fi Franza, hu l-kontra tad-direzzjoni tas-sewqan f'Malta. Jista' jkun li kompla jitfixkel jekk vera kien qed jiehu xi ritratti. Il-fatt jibqa' li dan l-incident tragiku ma jistax jigi attribwit lill-imputata, fil-fehma tal-Qorti. Hi giet rinfaccata b'sitwazzjoni ta' emergenza li ma kellha ebda kontribuzzjoni ghaliha, u ghalhekk ma tistax tinstab hatja ta' dan l-incident u tal-konsegwenzi penali tieghu.

Fl-ahhar lok, il-Qorti tirrileva li l-konflitt ta' konkluzjoni milhuq bejn zewg esperti mahtura fl-inkjesta seta' kien risultat ta' malintiz fit-“terms of reference” tan-nomina hekk kif trasmessa lilhom. Dan qed jinghad peress illi l-Avukat Richard Sladden inhatar bhala espert legali bil-fakulta' li jisma' x-xhieda bil-gurament, kif fil-fatt ghamel, mentri Mario Buttigieg inhatar bhala espert tekniku u ma sema' l-ebda xhud. Hu ghamel referenza biss ghal dak li gie rapportat fl-okkorrenza tal-Pulizija, minghajr ma' sema' xhieda diretta. Ghalhekk din il-Qorti izjed qed tistrih fuq il-konkluzjoni legali ta' Dr Sladden, ibbazata fuq xhieda u fuq gurisprudenza, milli fuq il-konkluzjoni ta' Buttigieg, minghajr, izda, ma tnaqqas xejn mil-fiducja u rispett kbir li din il-Qorti ghandha fil-konfront ta' dawn iz-zewg ufficjali taghha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 225, 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll ir-Regolamenti 54, 55, 57 u 127 tal-Avviz Legali 129 tal-1994;

Ma ssibx lill-imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------